KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
PIKAMÄE
ippreżentati fid-9 ta' Ġunju 2022 [1]

Kawża C-203/21

Proċeduri kriminali
vs
DELTA STROY 2003

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okrazhen sad - Burgas (il-Qorti Reġjonali ta' Burgas, il-Bulgarija))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Deċiżjoni Qafas 2005/212/ĠAI – Applikabbiltà – Impożizzjoni ta' sanzjoni pekunjarja fuq persuna ġuridika għan-nuqqas ta' ħlas ta' dejn fiskali – Sanzjoni ta' natura kriminali – Preżunzjoni ta' imputazzjoni tal-ksur lill-persuna ġuridika – Preżunzjoni tat-twettiq tal-ksur – Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea – Artikoli 47 sa 49 – Prinċipji ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* u ta' proporzjonalità ta' delitti u ta' pieni – Preżunzjoni ta' innoċenza – Drittijiet tad-difiża – Proporzjonalità"

1. Bi tweġiba għall-mistoqsija, magħmula fil-bidu tal-kontribut tiegħu, dwar il-possibbiltà li persuni ġuridiċi jkunu detenturi ta' drittijiet fundamentali, il-Professur P. Wachsmann ipprovda t-tweġiba li ġejja li s-sempliċità tagħha tikkontestaha b'luċidità: "Għaliex le, jekk irridu?" [2]. L-eżami tal-ġurisprudenza żviluppata mill-imħallfin Ewropej tad-drittijiet fundamentali, kemm jekk ikollhom is-sede tagħhom fi Strasbourg jew fil-Lussemburgu, jirrileva li din kienet b'mod ċar ir-rieda tagħhom, l-imħallfin jisiltu l-konsegwenzi kollha, fil-kważi silenzju tat-testi [3], tal-personalità ġuridika li biha huma mogħnija dawn l-esseri morali u għalhekk tal-kompetenza tagħhom li jkunu l-proprjetarji ta' drittijiet u ta' obbligi [4].

2. Din il-konstatazzjoni tieħu natura essenzjali f'kuntest ta' leġiżlazzjonijiet ta' Stati Membri li jirrikonoxxu, b'mod ġenerali, il-prinċipju ta' responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi jew, bħal fil-kawża prinċipali, li jipprevedu l-possibbiltà għal qorti li timponi fuq dawn il-persuni sanzjoni amministrattiva ta' natura kriminali bbażata fuq preżunzjoni doppja, jiġifieri preżunzjoni ta'

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Wachsmann, P., "Droits fondamentaux et personnes morales", f'*Vers la reconnaissance de droits fondamentaux aux États membres de l'Union européenne? Réflexions à partir des notions d'identité et de solidarité*, Brussell, Bruylant, 2010, p. 225-235.

[3] Id-dritt għall-proprjetà tal-persuni ġuridiċi huwa affermat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll Addizzjonali tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (iktar 'il quddiem il-"KEDB") li jipprovdi li "[k]ull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha". Fir-rigward tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), huma biss l-Artikoli 42 sa 44 li jirreferu espressament għall-persuni ġuridiċi billi jagħtuhom drittijiet, jiġifieri d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti, id-dritt li jirrikorri għand l-Ombudsman u d-dritt ta' petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew.

[4] Skont is-sentenzi bażiċi, fir-rigward tal-Qorti tal-Ġustizzja, ara s-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1970, Internationale Handelsgesellschaft (11/70, EU:C:1970:114), u tal-14 ta' Mejju 1974, Nold vs Il-Kummissjoni (4/73, EU:C:1974:51).

imputazzjoni lil kumpannija ta' ksur kriminali preżunt imwettaq mir-rappreżentant tagħha. L-interess ta' din il-kawża huwa li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tistaqsi dwar il-kompatibbiltà ta' tali leġiżlazzjoni fid-dawl tal-prinċipji ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ta' preżunzjoni ta' innoċenza u ta' individwalità tal-pieni stabbiliti, rispettivament, fl-Artikoli 47 sa 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

3. Huma rilevanti fil-kuntest ta' din il-kawża l-Artikoli 47 sa 49 tal-Karta.

B. Id-dritt Bulgaru

4. L-Artikolu 83 taż-Zakon za administrativnite narushenya i nakazanya (il-Liġi dwar ir-Reati u s-Sanzjonijiet Amministrattivi, ippubblikat fid-DV Nru 92 tat-28 ta' Novembru 1969), fil-verżjoni tal-14 ta' Frar 2020, applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem iż-"ZANN"), li huwa inkluż fil-Kapitolu 4 ta' din il-liġi, jiddisponi:

"Kapitolu 4

Sanzjonijiet amministrattivi ta' natura kriminali kontra persuni ġuridiċi u imprendituri individwali.

Artikolu 83(1) […] Fil-każijiet previsti mil-liġi, id-digriet, id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ministri jew id-deċiżjoni muniċipali rilevanti, tista' tiġi imposta sanzjoni pekunjarja fuq il-persuni ġuridiċi u fuq l-imprendituri individwali talli naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom fil-konfront tal-Istat jew tal-muniċipalità fl-eżerċizzju tal-attività tagħhom.

[…]

Artikolu 83a. […] (1) Kull persuna ġuridika li arrikkixxiet ruħha jew li tista' tiġi arrikkita wara ksur skont l-Artikolu 255 […] tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll kull reat imwettaq, f'isem jew fuq l-inizjattiva ta' grupp kriminali organizzat, minn:

"1. persuna li għandha s-setgħa torbot lill-persuna ġuridika

2. persuna li tirrappreżenta lill-persuna ġuridika;

3. persuna eletta ma' korp ta' kontroll jew ta' sorveljanza tal-persuna ġuridika, jew

4. […] ħaddiem jew impjegat li lilu l-persuna ġuridika tkun attribwiet kompitu partikolari, meta l-ksur ikun twettaq fl-eżerċizzju jew fl-okkażjoni ta' dan il-kompitu, huwa punibbli b'sanzjoni pekunjarja tal-inqas ugwali għall-valur tal-vantaġġ, sa massimu ta' [1 000 000 lev Bulgaru (BGN)], meta dan ikun vantaġġ patrimonjali […].

[…].

(4) […] Is-sanzjoni pekunjarja hija imposta, indipendentement mill-involviment effettiv tar-responsabbiltà kriminali tal-persuni li pparteċipaw fil-ksur imsemmi fil-paragrafu 1.

(5) […] Il-vantaġġ dirett jew indirett li l-persuna ġuridika kisbet mill-ksur imsemmi fil-paragrafu 1 jiġi adit favur l-Istat jekk ma għandux jitħallas lura jew irrimborsat, jew inkella jiġi adit konformement mal-Kodiċi Kriminali. Meta l-oġġett jew l-attiv li huwa s-suġġett tal-ksur ikun sparixxa jew ġie ttrasferit, jingħata ammont li jikkorrispondi għall-valur tiegħu f'leva (BGN).

[…]

Artikolu 83b. […] Il-proċedura msemmija fl-Artikolu 83a tinbeda, fuq proposta mmotivata tal-prosekutur kompetenti sabiex jeżamina l-każ jew il-fajl relatat mal-ksur inkwistjoni, quddiem l-Okrazhen sad (il-Qorti Reġjonali, il-Bulgarija) tal-post tas-sede tal-persuna ġuridika, u fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 83a(2) quddiem is-Sofiyski gradski sad (il-Qorti tal-Belt ta' Sofija, il-Bulgarija):

1. […] Wara l-preżentata quddiem il-qorti tal-att ta' akkuża, tad-digriet li jipproponi li jeżenta lill-awtur tar-reat mir-responsabbiltà kriminali u li tiġi imposta fuqu sanzjoni amministrattiva, jew mill-ftehim ta' negozjar tal-piena;

[…]

(2) Il-proposta għandha:

1. tinkludi deskrizzjoni tal-ksur, tindika ċ-ċirkustanzi li fihom dan twettaq u turi l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-ksur u l-vantaġġ għall-persuna ġuridika;

2. tindika n-natura u l-valur tal-vantaġġ;

[…]

5. tindika d-data personali tal-persuni akkużati bir-reat jew ikkundannati għal din tal-aħħar;

6. ikun fiha lista ta' dokumenti bil-miktub li jistabbilixxu ċ-ċirkustanzi msemmija fil-punti 1 u 2, jew kopji ċċertifikati ta' dawn id-dokumenti;

7. ikun fiha lista ta' persuni li għandhom jiġu mħarrka;

[…]

Artikolu 83d. […]

[…]

(2) Il-qorti, fil-kulleġġ ġudikanti ta' mħallef uniku, għandha teżamina l-proposta f'seduta pubblika li fiha l-Uffiċċju tal-Prosekutur jieħu sehem u l-persuna ġuridika hija msejħa.

(3) In-nuqqas ta' dehra tar-rappreżentant tal-persuna ġuridika, meta l-konvokazzjoni kienet regolari, ma jipprekludix lill-qorti milli tieħu konjizzjoni tal-kawża.

(4) Il-qorti għandha tiġbor il-provi *ex officio* jew fuq talba tal-partijiet.

(5) Il-qorti għandha teżamina l-kawża u, abbażi tal-provi miġbura, tevalwa:

1. jekk il-persuna ġuridika inkwistjoni tkun kisbet vantaġġ illegali;

2. jekk teżisti rabta bejn l-awtur tar-reat u l-persuna ġuridika;

3. jekk teżisti rabta bejn ir-reat u l-vantaġġ miksub mill-persuna ġuridika;

4. liema huma n-natura u l-valur tal-vantaġġ, u jekk dan tal-aħħar huwa patrimonjali.

(6) Il-qorti għandha tiddeċiedi permezz ta' deċiżjoni li permezz tagħha:

1. timponi sanzjoni pekunjarja, (jew)

2. tirrifjuta li timponi sanzjoni pekunjarja.

[…]

Artikolu 83e. […] (1) Id-deċiżjoni tal-Okrazhen sad (il-Qorti Reġjonali) skont l-Artikolu 83d(6) tista' tiġi kkontestata permezz ta' rikors (tal-persuna ssanzjonata) jew permezz ta' lment ("protest") (tal-Uffiċċju tal-Prosekutur) quddiem l-Apelativen sad (il-Qorti tal-Appell, il-Bulgarija), f'terminu ta' 14-il jum min-notifika tagħha lill-partijiet.

[…]

Artikolu 83f. […] (1) Il-proċedura li biha l-Okrazhen sad (il-Qorti Reġjonali) jew l-Apelativen sad (il-Qorti tal-Appell) taw deċiżjoni definittiva tista' terġa' tinfetaħ meta:

1. tiġi stabbilita permezz ta' sentenza jew sentenza li għandha l-awtorità ta' *res judicata* li ċerti provi bil-miktub li abbażi tagħhom ingħatat id-deċiżjoni huma foloz jew jinkludu informazzjoni falza;

2. huwa stabbilit permezz ta' sentenza jew sentenza li għandha l-awtorità ta' *res judicata* li l-qorti, l-Uffiċċju tal-Prosekutur, parti jew l-intervenjent fil-proċedura wettqu ksur relatat mal-parteċipazzjoni tiegħu fil-proċedura;

3. wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni li tiġi imposta sanzjoni pekunjarja fuq il-persuna ġuridika, il-persuna msemmija fil-punti 1 sa 4 tal-Artikolu 83(1) tkun tħallset permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tkun kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, jew inkella l-l-Uffiċċju tal-Prosekutur temm il-proċedura preliminari sospiża fil-każijiet imsemmija fil-punt 1 tal-Artikolu 24(1) tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali;

4. jiġu żvelati wara d-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni, iċ-ċirkustanzi jew il-provi li ma kinux magħrufa mill-parti u mill-qorti u li għandhom importanza sinjifikattiva għall-finijiet tal-kawża;

5. deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (iktar 'il quddiem il-"Qorti EDB") ikkonstatat ksur tal-[KEDB] li għandu importanza sinjifikattiva għall-finijiet tal-kawża;

6. matul il-proċedura twettaq ksur sostanzjali tar-regoli tal-proċedura.

(2) It-talba għal ftuħ mill-ġdid tista' titressaq f'terminu ta' sitt xhur mill-għarfien tal-fatt taxxabbli, u, fil-każijiet imsemmija fil-punt 6 tal-paragrafu 1, mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Okrazhen sad (il-Qorti Reġjonali) jew tal-Apelativen sad (il-Qorti tal-Appell).

(3) It-talba għal ftuħ mill-ġdid ma tissospendix l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni li daħlet fis-seħħ, sakemm il-qorti ma tiddeċidix mod ieħor.

(4) Jistgħu jressqu talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċeduri:

1. il-Prosekutur Pubbliku reġjonali;

2. il-persuna ġuridika li ġiet imposta sanzjoni pekunjarja fuqha.

[…]

(7) Il-kawża hija eżaminata f'seduta pubblika bil-parteċipazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prosekutur. Il-persuna ġuridika hija msejħa wkoll għas-seduta.

(8) Meta tqis li t-talba hija fondata, l-Apelativen sad (il-Qorti tal-Appell) tannulla d-deċiżjoni u tibgħat lura l-kawża sabiex din tiġi eżaminata mill-ġdid, billi tindika l-att proċedurali li minnu għandu jsir l-eżami.

Artikolu 83g. Għall-kwistjonijiet li ma humiex irregolati mill-Artikoli 83b u 83d sa 83f, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali huma applikabbli".

5. L-Artikolu 255(1) tan-Nakazatelen kodeks (il-"Kodiċi Kriminali") jipprovdi:

"(1) Kull min jevita l-iffissar jew il-ħlas ta' debiti fiskali ta' ammonti għoljin, sa fejn:

[…]

2. jipprovdi informazzjoni falza jew jaħbi l-verità fid-dikjarazzjoni li huwa ppreżenta,

3. jonqos milli joħroġ fattura jew dokument ieħor tal-kontabbiltà,

[…]

huwa punibbli b'piena ta' priġunerija minn sena sa sitt snin u b'multa sa BGN 2 000."

II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6. ZK hija l-amministratriċi u r-rappreżentanta tal-kumpannija Delta Stroy 2003 EOOD (iktar 'il quddiem "Delta Stroy") stabbilita f'Burgas (il-Bulgarija). F'din il-kapaċità, fil-5 ta' Awwissu 2019, ZK ġiet akkużata talli evitat, f'kundizzjonijiet ta' ksur kontinwu, l-iffissar u l-ħlas ta' debiti fiskali ta' ammonti għolja għal total ta' BGN 11 388.98 (madwar EUR 5 808.38) li jikkorrispondu għall-VAT dovuta fis-sens tal-Liġi Bulgara dwar il-VAT, għat-tliet perijodi fiskali ta' Marzu, April

u Lulju 2009. Dan ir-reat huwa previst fil-punti 2 u 3 tal-Artikolu 255(1) tal-Kodiċi Kriminali. Il-proċeduri kriminali kontra ZK huma pendenti fl-ewwel istanza quddiem l-Okrazhen sad – Burgas (il-Qorti Reġjonali ta' Burgas, il-Bulgarija), li hija l-qorti tar-rinviju.

7. Fid-9 ta' Diċembru 2020, il-prosekutur pubbliku ppropona quddiem l-istess qorti, fil-kuntest ta' proċedura separata, li tiġi imposta sanzjoni pekunjarja fuq Delta Stroy, abbażi tal-Artikoli 83a *et seq*. taż-ZANN, għar-raġuni li hija rċeviet vantaġġ patrimonjali mill-ksur, imsemmi fil-punti 1 u 2 tal-Artikolu 255(1) tal-Kodiċi Kriminali, imwettaq minn ZK. Ma' din il-proposta ġie mehmuż l-att ta' akkuża fir-rigward ta' din tal-aħħar.

8. Il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-konformità tal-proċedura tal-Artikoli 83a *et seq*. taż-ZANN li jippermettulha timponi fuq persuna ġuridika sanzjoni pekunjarja għal ksur li huwa s-suġġett ta' proċeduri kriminali paralleli, imressqa kontra l-persuna fiżika li tirrappreżentaha, li għadha ma ngħalqitx b'mod definittiv, mad-Deċiżjoni Qafas 2005/212/ĠAI [5] u mal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta, li dan tal-aħħar għandu jiġi interpretat fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti EDB fir-rigward tal-Artikolu 7 tal-KEDB.

9. Fl-ewwel lok, din il-qorti tqis li l-fatt li tiġi imposta fuq persuna ġuridika, minħabba t-twettiq ta' ksur, sanzjoni pekunjarja li tikkorrispondi għall-vantaġġ li din il-persuna kisbet jew tista' tikseb minn dan il-ksur jikkostitwixxi konfiska tar-rikavat tar-reat kollu jew parti minnu skont l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212. Fil-fatt, il-proċedura inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha bħala suġġett l-impożizzjoni ta' piena msejħa "sanzjoni pekunjarja" fuq persuna ġuridika, minħabba ksur konkret imwettaq mir-rappreżentant tagħha. Barra minn hekk, peress li din hija ċaħda permanenti (konfiska) tal-proprjetà, ordnata minn qorti kriminali fir-rigward tar-reat li twettaq u li l-Artikolu 83g tal-Liġi dwar ir-reati u s-sanzjonijiet amministrattivi jirreferi għall-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, din il-proċedura għandha l-karatteristiċi kollha ta' proċedura "kriminali" u mhux ta' proċedura "ċivili".

10. Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju tfakkar li l-Artikolu 49 tal-Karta jistabbilixxi l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, li jinkludi projbizzjoni li tiġi imposta sanzjoni qabel ma jkun ġie stabbilit it-twettiq tal-ksur. Issa, hija tikkonstata li l-kwistjoni preliminari dwar jekk twettaqx ir-reat ma tidhirx fil-lista tal-elementi kollha li l-qorti kriminali għandha tevalwa skont l-Artikolu 83(5) taż-ZANN. Il-proċedura inkwistjoni tiftaħ, fil-prattika, il-possibbiltà li tiġi imposta fuq kumpannija sanzjoni bbażata biss fuq l-elementi tal-akkuża mressqa għal ksur partikolari, imwettaq mill-amministratur u mir-rappreżentant ta' din il-kumpannija, li t-twettiq tiegħu ma ġiex stabbilit permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja li kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, li kienet rikjesta taħt il-leġiżlazzjoni l-antika.

11. Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tispjega li l-kwistjoni li tqum f'din il-kawża għandha importanza kbira fil-kuntest tad-Deċiżjoni Qafas 2006/783/ĠAI [6], sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti li tiġi imposta sanzjoni pekunjarja fuq persuna ġuridika li ma għandhiex is-sede tagħha fit-territorju tar-Repubblika tal-Bulgarija.

[5] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprjetà Konnessi mal-Kriminalità (ĠU 2006, L 159M, p. 223).

[6] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/783/ĠAI tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal ordnijiet ta' konfiska (ĠU 2010, L 239M, p. 340).

12. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l'Okrazhen sad – Burgas (il-Qorti Reġjonali ta' Burgas) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni Qafas [2005/212/ĠAI] kif ukoll l-Artikolu 49 tal-[Karta] għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li l-qorti nazzjonali tista', fi proċedura bħal dik fil-kawża prinċipali, timponi sanzjoni fuq persuna ġuridika għal reat konkret li t-twettiq tiegħu jkun għadu ma ġiex stabbilit minħabba li huwa s-suġġett ta' proċedura kriminali parallela li għadha ma ġietx konkluża b'mod definittiv?

2) L-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 kif ukoll l-Artikolu 49 tal-[Karta] għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li l-qorti nazzjonali tista', fi proċedura bħal dik fil-kawża prinċipali, timponi sanzjoni fuq persuna ġuridika filwaqt li tistabbilixxi, bħala l-ammont ta' din is-sanzjoni, il-valur tal-vantaġġ li seta' nkiseb minn reat konkret, li t-twettiq tiegħu jkun għadu ma ġiex stabbilit minħabba li huwa s-suġġett ta' proċedura kriminali parallela li għadha ma ġietx konkluża b'mod definittiv?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub.

IV. Analiżi

A. Fuq il-kuntest ġuridiku

14. Il-qorti tar-rinviju għamlet id-domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 4 u 5 tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 dwar ir-rimedji ġudizzjarji u r-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-persuni affettwati billi telqet mill-premessa li din ir-regola hija applikabbli għall-kawża prinċipali, liema fatt huwa kkontestat mill-Kummissjoni. Peress li l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 toħloq diffikultà, għandu jiġi vverifikat jekk sitwazzjoni bħal dik deskritta mid-deċiżjoni tar-rinviju taqax fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-regola[7].

1. Fuq l-applikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212

15. Qabel kollox, għandu jiġi enfasizzat li d-Direttiva 2014/42/UE[8] issostitwixxiet parzjalment id-Deċiżjoni Qafas 2005/212, li tirrigwarda, bħal din id-direttiva, il-konfiska tal-mezzi strumentali u tar-rikavat mill-kriminalità. Fil-fatt, konformement mal-premessa 9 tal-imsemmija direttiva, din hija intiża b'mod partikolari sabiex temenda u testendi d-dispożizzjonijiet ta' din id-deċiżjoni qafas. B'mod iktar preċiż, mill-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2014/42 jirriżulta li din issostitwixxiet biss l-ewwel erba' inċiżi tal-Artikolu 1 kif ukoll l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni

[7] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2014, McCarthy *et* (C-202/13, EU:C:2014:2450, punt 30); tal-25 ta' Lulju 2018, Alheto (C-585/16, EU:C:2018:584, punt 67); u tat-12 ta' Marzu 2020, VW (Dritt ta' aċċess għal avukat fil-każ ta' nuqqas ta' dehra) (C-659/18, EU:C:2020:201, punti 22 u 23)

[8] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 127, p. 39, rettifika fil-ĠU 2014, L 138, p. 114).

Qafas 2005/212 għall-Istati Membri li din id-direttiva torbot, fatt li kellu bħala konsegwenza li l-Artikoli 2, 4 u 5 ta' din id-deċiżjoni qafas inżammu fis-seħħ wara l-adozzjoni tal-imsemmija direttiva [9].

16. Id-Deċiżjoni Qafas 2005/212 tipprevedi, fl-Artikolu 2(1) tagħha, li "(k)ull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex ikun jista' jikkonfiska, kompletament jew parzjalment, mezzi strumentali u rikavati ta' reati kriminali punibbli bi priġunerija għal żmien ta' iżjed minn sena, jew bil-privazzjoni ta' proprjetà ta' valur korrispondenti għal tali rikavati". F'dan il-każ, il-ksur ta' tneħħija mill-iffissar jew mill-ħlas ta' debiti fiskali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa punibbli b'piena ta' priġunerija ta' bejn sena u sitt snin u multa, konformement mal-Artikolu 255(1) tal-Kodiċi Kriminali.

17. Fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "konfiska", għandu jsir riferiment, kif jirriżulta mill-punt 15 ta' dawn il-konklużjonijiet, skont il-punt 4 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/42, indipendentement mill-fatt li din tal-aħħar ma hijiex applikabbli *ratione materiae* f'din il-kawża bis-saħħa tal-Artikolu 3 tagħha li jistabbilixxi l-lista tar-reati kriminali kkonċernati. Dan il-kunċett ta' "konfiska" jinftiehem bħala ċ-"ċaħda definittiva minn proprjetà ordnata minn qorti fir-rigward ta' reat kriminali", jiġifieri t-tneħħija definittiva tad-dritt għall-proprjetà fuqu [10].

18. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 2(1) u (2) tad-Direttiva 2014/42, "prodott" jikkorrispondi għal kull vantaġġ ekonomiku miksub, direttament jew indirettament, minn reati kriminali u jista' jikkonsisti f'kull tip ta' proprjetà, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, kif ukoll l-atti legali jew dokumenti li jattestaw titolu jew dritt fuq din il-proprjetà. Somma flus tista' evidentement tkun is-suġġett ta' konfiska iżda bil-kundizzjoni li din tkun tista' titqies li hija r-riżultat tar-reat li għalih l-awtur tiegħu jkun ġie kkundannat.

19. Għalkemm il-kunċetti ta' "konfiska" u ta' "sanzjoni pekunjarja" għandhom bħala punt komuni li jsibu l-oriġini tagħhom fit-twettiq ta' ksur, it-tieni miżura hija differenti mill-ewwel waħda peress li ma għandhiex bħala għan in-newtralizzazzjoni tal-prodott kriminali. Is-sanzjoni pekunjarja għandha l-funzjoni li tikkastiga u tiskoraġġixxi u tista' tiġi imposta indipendentement mill-eżistenza ta' kull vantaġġ marbut mal-ksur, minbarra l-konfiska ta' dan tal-aħħar u għal ammont inqas, ugwali jew ogħla minnu.

20. Ninnota, f'dan ir-rigward, li d-dritt tal-Unjoni jagħmel distinzjoni ċara bejn il-kunċett ta' "konfiska" u dak ta' "sanzjoni pekunjarja". Kif jirriżulta, b'mod partikolari mill-Artikoli 1 u 6 kif ukoll mill-premessi 1 u 2 tagħha, id-Deċiżjoni Qafas 2005/214/ĠAI [11] għandha l-għan li tistabbilixxi mekkaniżmu effettiv għar-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni transkonfinali ta' deċiżjonijiet li jimponu b'mod definittiv sanzjoni pekunjarja fuq persuna fiżika jew ġuridika b'riżultat tat-twettiq ta' wieħed mill-ksur elenkati fl-Artikolu 5 tagħha [12]. L-Artikolu 1(b)(i) tad-Deċiżjoni Qafas 2005/214 jiddefinixxi l-kunċett ta' sanzjoni pekunjarja bħala kwalunkwe obbligu li titħallas somma ta' flus wara kundanna għal reat, impost fil-kuntest ta' deċiżjoni fil-qasam kriminali, u jispeċifika li ma tkoprix, b'mod partikolari, d-deċiżjonijiet sabiex jiġu kkonfiskati l-istrumenti jew ir-rikavat mill-kriminalità.

[9] Sentenza tal-14 ta' Jannar 2021, Okrazhna prokuratura – Haskovo u Apelativna prokuratura – Plovdiv (C-393/19, EU:C:2021:8, punti 63 u 37).

[10] Sentenza tal-14 ta' Jannar 2021, Okrazhna prokuratura – Haskovo u Apelativna prokuratura – Plovdiv (C-393/19, EU:C:2021:8, punti 35 sa 45 u 55).

[11] Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji (ĠU 2006, L 159M, p. 256).

[12] Sentenza tal-14 ta' Novembru 2013, Baláž (C-60/12, EU:C:2013:733, punt 27).

21. F'dak li jirrigwarda l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li din tagħmel l-istess distinzjoni peress li, minbarra d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw is-sanzjoni pekunjarja, hija tinkludi artikolu speċifiku dwar iċ-ċaħda tal-vantaġġ illegali. L-Artikolu 83(5) taż-ZANN jipprevedi għalhekk li l-vantaġġ dirett jew indirett li l-persuna ġuridika kisbet mill-ksur imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi adit favur l-Istat jekk ma għandux jiġi mħallas lura jew irrimborsat, jew inkella jiġi adit konformement mal-Kodiċi Kriminali. Issa, huwa stabbilit li l-proposta tal-Uffiċċju tal-Prosekutur għandha bħala suġġett biss l-impożizzjoni ta' sanzjoni pekunjarja, kif prevista fl-Artikolu 83(1) sa (4) ta' din il-liġi [13].

22. Barra minn hekk, skont l-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju stess, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tippermetti li tiġi imposta s-sanzjoni pekunjarja anki meta ma jkun effettivament miksub l-ebda vantaġġ jew anki meta l-vantaġġ ma jkunx ta' natura patrimonjali, u li l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 83a *et seq*. taż-ZANN ma tiffokax esklużivament fuq proprjetà akkwistata illegalment [14]. Mill-Artikolu 83a(1) ta' din il-liġi jirriżulta li s-sanzjoni pekunjarja li tista' tiġi imposta tista' taqbeż il-valur tal-vantaġġ miksub, u tilħaq ammont massimu ta' BGN 1 000 000 (madwar EUR 510 000), li jikkorrispondi, f'dan il-każ, mal-proposta tal-prosekutur filwaqt li l-benefiċċju illegali huwa stmat għal BGN 11 388.98.

23. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li s-sanzjoni pekunjarja tista' tkun ugwali għall-vantaġġ li l-persuna ġuridika kisbet jew tista' tikseb mill-ksur ikkonċernat ma jippermettix, waħdu, li din il-miżura titqies bħala konfiska tar-rikavat tar-reat kollu jew ta' parti minnu, fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u tad-Direttiva 2014/42. Għalhekk, inqis li d-Deċiżjoni Qafas 2005/212 ma hijiex applikabbli fil-kawża prinċipali, u dan jeskludi kull rilevanza, f'dan il-każ, tad-Deċiżjoni Qafas 2006/783 invokata mill-qorti tar-rinviju. Għall-kuntrarju, għandha tiġi eżaminata l-applikabbiltà tal-Artikolu 49 tal-Karta, imsemmi wkoll fiż-żewġ domandi preliminari.

2. Fuq l-applikabbiltà tal-Karta

24. Għandu jitfakkar li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta, fir-rigward tal-azzjoni tal-Istati Membri, huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet tagħha huma indirizzati lill-Istati Membri biss meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni [15].

25. Hija ġurisprudenza stabbilita li sanzjonijiet amministrattivi imposti mill-awtoritajiet fiskali nazzjonali u proċeduri kriminali miftuħa għal reati fil-qasam tal-VAT jikkostitwixxu implimentazzjoni tal-Artikoli 2 u 273 tad-Direttiva 2006/112/KE [16] kif ukoll tal-Artikolu 325 TFUE u, għalhekk, tad-dritt tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta [17]. F'dan il-każ, sa fejn is-sanzjoni pekunjarja li tista' tiġi imposta fuq il-kumpannija Delta Stroy skont l-Artikolu 83a taż-ZANN hija marbuta ma' nuqqasijiet mill-amministratur u r-rappreżentant tagħha tal-obbligi ta' rappurtar tagħha fir-rigward ta' VAT, fl-oriġini tal-proċedimenti kriminali diretti kontriha, japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Karta konformement ma' din il-ġurisprudenza.

[13] Għandu jiġi osservat ukoll li, konformement mal-Artikolu 83(7) taż-ZANN, id-deċiżjoni tal-qorti tinkludi "l-ammont tas-sanzjoni pekunjarja imposta" (punt 3) u "id-deskrizzjoni tal-proprjetà li, jekk ikun il-każ, hija kkonfiskata għall-benefiċċju tal-Istat"(punt 4).

[14] Ara l-punt 6 tat-talba għal deċiżjoni preliminari.

[15] Sentenza tal-14 ta' Jannar 2021, Okrazhna prokuratura – Haskovo u Apelativna prokuratura – Plovdiv (C-393/19, EU:C:2021:8, punt 30).

[16] Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

[17] Sentenzi tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punti 24 sa 28), u tal-20 ta' Marzu 2018, Menci (C-524/15, EU:C:2018:197, punti 8 sa 21).

26. Jibqa' l-fatt li, peress li l-Artikolu 49 tal-Karta jistabbilixxi l-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege*, għandu jiġi ddeterminat jekk is-sistema ta' sanzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandhiex natura kriminali. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tliet kriterji huma rilevanti. L-ewwel wieħed huwa l-klassifikazzjoni legali tal-ksur fid-dritt nazzjonali, it-tieni wieħed huwa n-natura stess tal-ksur u t-tielet wieħed huwa l-grad ta' severità tas-sanzjoni li l-persuna kkonċernata tista' ġġarrab. Għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl ta' dawn il-kriterji, jekk is-sanzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex ta' natura kriminali fis-sens tal-Artikolu 49 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta tiddeċiedi dwar rinviju għal deċiżjoni preliminari, tista' madankollu tagħmel preċiżazzjonijiet intiżi sabiex jiggwidaw lil din il-qorti fl-evalwazzjoni tagħha [18].

27. F'dan ir-rigward, huwa stabbilit li s-sanzjoni pekunjarja inkwistjoni hija marbuta ma' ksur previst u ssanzjonat mill-Artikolu 255 tal-Kodiċi Kriminali, li abbażi tiegħu r-rappreżentant tal-kumpannija Delta Stroy huwa s-suġġett ta' proċeduri kriminali, u hija ddefinita fl-Artikoli 83 *et seq*. taż-ZANN, dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt il-Kapitolu 4 intitolat "Sanzjonijiet amministrattivi ta' natura kriminali kontra persuni ġuridiċi u imprendituri individwali". Is-sanzjoni hija imposta minn qorti kriminali fi tmiem proċedura rregolata mill-Artikoli 83b u 83d sa 83f taż-ZANN, peress li l-Artikolu 83 tagħha jipprevedi li, għall-kwistjonijiet mhux irregolati minn dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali għandu japplika.

28. Skont l-indikazzjonijiet ipprovduta mill-qorti tar-rinviju, is-sanzjoni pekunjarja hija intiża sabiex tikkastiga u tiskoraġġixxi t-twettiq tar-reat u mhux sabiex tirranġa d-dannu kkawżat minnu, li tikkaratterizza għan repressiv li jikkostitwixxi l-karatteristika ta' sanzjoni kriminali fis-sens tal-Artikolu 49 tal-Karta [19]. Fir-rigward tas-severità ta' din is-sanzjoni, u kif ġie speċifikat, l-ammont massimu tagħha jitla' għal BGN 1 000 000 (madwar EUR 510 000), li jsostni li skont l-analiżi hija ta' natura kriminali fis-sens tal-Artikolu 49 tal-Karta [20].

29. Konsegwentement, is-sistema ta' sanzjoni prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha, fil-fehma tiegħi, natura kriminali u tista' għalhekk tiġi evalwata fid-dawl tad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' *nullum crimen, nulla poena sine lege* stabbilit fl-Artikolu 49 tal-Karta.

B. Fuq l-ewwel domanda preliminari

30. Għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilita permezz tal-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tgħinha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. Minn din il-perspettiva, huwa l-kompitu, jekk ikun il-każ, tal-Qorti tal-Ġustizzja li tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-missjoni li tinterpreta d-dispożizzjonijiet kollha tad-dritt tal-Unjoni li l-qrati nazzjonali jkunu jeħtieġu sabiex jiddeċiedu fuq it-tilwimiet li jitressqu quddiemhom, anki jekk dawn id-dispożizzjonijiet ma jissemmewx espressament fid-domandi preliminari li jsirulhom minn dawn il-qrati [21].

[18] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punti 90 sa 92).

[19] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci (C-524/15, EU:C:2018:197, punt 31).

[20] Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punti 94 u 95).

[21] Sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, PI (C-230/18, EU:C:2019:383, punt 42). Għalkemm id-domandi magħmula jirrigwardaw l-Artikolu 49 tal-Karta, it-talba għal deċiżjoni preliminari tirreferi wkoll għad-drittijiet iggarantiti fl-Artikolu 6 tal-KEDB.

31. F'dawn iċ-ċirkustanzi, sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, hemm lok li jiġi kkunsidrat, konformement mal-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq, li, permezz tal-ewwel domanda tagħha, din il-qorti tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 47, 48 u 49 tal-Karta għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-qorti tista' timponi fuq persuna ġuridika sanzjoni pekunjarja għal reat kriminali mwettaq mill-persuna fiżika li tirrappreżentaha, iżda anki qabel kwalunkwe kundanna kriminali definittiva ta' din tal-aħħar, u mingħajr preġudizzju għall-eżerċizzju mill-persuna ġuridika, ladarba ssanzjonata, ta' appell fil-każ ta' abbandun mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-proċeduri diretti kontra din il-persuna fiżika jew ta' liberazzjoni minn dan permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tkun saret *res judicata*.

32. Barra minn hekk, għalkemm il-KEDB ma tikkostitwixxix, sakemm l-Unjoni ma tkunx aderixxiet magħha, strument legali formalment integrat fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, għandu madankollu jitfakkar li, kif jikkonferma l-Artikolu 6(3) TUE, id-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-KEDB jagħmlu parti mid-dritt tal-Unjoni bħala prinċipji ġenerali. L-Artikolu 52(3) tal-Karta, li jipprovdi li d-drittijiet inklużi fiha li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB għandhom l-istess tifsira u l-istess portata bħal dawk mogħtija lilhom minn din il-konvenzjoni, huwa intiż li jiżgura l-koerenza neċessarja bejn dawn id-drittijiet rispettivi mingħajr ma tiġi ppreġudikata l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni u tal-Qorti tal-Ġustizzja [22].

33. Mill-ispjegazzjonijiet li jirrigwardaw il-Karta, li, konformement mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(7) tal-Karta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tagħha, li l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta jiżguraw, fid-dritt tal-Unjoni, il-protezzjoni mogħtija permezz tal-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB [23]. Fir-rigward tal-Artikolu 49 tal-Karta, dan jikkorrispondi mal-Artikolu 7 tal-KEDB.

1. Fuq il-garanziji fundamentali rrikonoxxuti lill-persuni ġuridiċi

34. Kif ġie indikat, il-prinċipju ta' rikonoxximent tad-drittijiet fundamentali għall-persuni ġuridiċi minn issa 'l quddiem jinkiseb [24] għall-benefiċċju ta' struttura ġurisprudenzjali li, inizjalment, sabet fil-qasam ekonomiku, u b'mod iktar partikolari l-kompetizzjoni, kamp ta' espressjoni fertili, l-effetti tal-leġiżlazzjoni relatata li jikkonċernaw primarjament il-kumpanniji kummerċjali. Fil-kontenzjuż tar-repressjoni tal-ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, li ma jaqax *stricto sensu* taħt il-qasam kriminali, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat il-prinċipji essenzjali tad-dritt kriminali u tal-garanziji fundamentali stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-KEDB [25] għall-benefiċċju tal-persuni ġuridiċi

[22] Sentenza tat-2 ta' Frar 2021, Consob (C-481/19, EU:C:2021:84, punt 36).

[23] Sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, UBS Europe *et* (C-358/16, EU:C:2018:715, punt 50).

[24] Huwa ċertament evidenti li d-differenza ta' natura bejn persuni fiżiċi u persuni ġuridiċi teskludi l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet fundamentali li jippreżupponu inkarnazzjoni (pereżempju, il-projbizzjoni tat-tortura u tal-pieni jew ta' trattamenti inumani jew degradanti). Iktar kumplessa, għall-kuntrarju, hija l-kwistjoni tal-limiti tat-tgawdija ta' diversi drittijiet rikonoxxuti favur persuni ġuridiċi. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tiżvela trattament xi kultant iddifferenzjat, b'inqas intensità tal-protezzjoni għal dawn il-persuni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dritt għas-silenzju (sentenza tat-2 ta' Frar 2021, Consob (C-481/19, EU:C:2021:84)) u l-protezzjoni tad-data personali (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, WebMindLicenses (C-419/14, EU:C:2015:832, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata)).

[25] Fil-kuntest ta' ġurisprudenza stabbilita, ġie enfasizzat li d-drittijiet fundamentali jifformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali tad-dritt li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza tagħhom u li, għal dan il-għan, din tal-aħħar tispira ruħha mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kif ukoll mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-istrumenti internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li l-Istati Membri kkooperaw fihom jew aderixxew magħhom, peress li l-KEDB għandha, f'dan ir-rigward, sinjifikat partikolari (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst vs Il-Kummissjoni (46/87 u 227/88, EU:C:1989:337, punt 13)).

rikorrenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk ammettiet, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali Bot [26], l-applikabbiltà tal-prinċipju ta' responsabbiltà personali u l-korollarju tiegħu, jiġifieri l-prinċipju ta' individwalità tal-pieni u tas-sanzjonijiet, li fuqu hija bbażata l-imputabbiltà tal-akkordji illegali [27].

35. Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza, kif jirriżulta mill-Artikolu 6(2) tal-KEDB, jagħmel parti mid-drittijiet fundamentali u li, fid-dawl tan-natura tal-ksur inkwistjoni kif ukoll tan-natura u tal-livell ta' severità tas-sanzjonijiet marbuta miegħu, dan japplika għall-proċeduri relatati ma' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi li jistgħu jwasslu għall-impożizzjoni ta' multi jew ta' pagamenti ta' penalità [28]. Infakkar li l-preżunzjoni tal-innoċenza hija intiża sabiex tiggarantixxi lil kull persuna li ma tkunx indikata jew ittrattata bħala ħatja ta' reat qabel ma tkun ġiet stabbilita l-ħtija tagħha minn qorti [29].

36. Il-Qorti tal-Ġustizzja applikat ukoll dan il-prinċipju, li huwa stabbilit fl-Artikolu 48(1) tal-Karta [30], fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-elementi oġġettivi li jikkostitwixxu reat taħt id-dritt tal-Unjoni, fil-każ meta insider dealing, li jista' jwassal għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi, ikun ta' natura kriminali [31]. Huwa dejjem dan l-istess prinċipju, kif ukoll dak tal-individwalità tal-pieni, li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura l-osservanza [32] meta tattribwixxi lill-kumpannija omm il-ksur imwettaq mis-sussidjarja tagħha kontra r-regoli tal-kompetizzjoni, ibbażat fuq il-kunċett ta' "unità ekonomika" u fuq il-preżunzjoni tal-eżerċizzju effettiv ta' influwenza determinanti tal-ewwel fuq il-politika kummerċjali tat-tieni fir-rigward tar-rabtiet kapitalistiċi li jgħaqqduhom [33].

37. Fir-rigward preċiżament tal-użu ta' mekkaniżmu ta' preżunzjoni u li jintegra l-ġurisprudenza tal-Qorti EDB [34], il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li, għalkemm kull sistema legali tirrikonoxxi preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' liġi, l-Artikolu 48 tal-Karta jobbliga lill-Istati Membri li ma jaqbżux, fil-qasam kriminali, ċertu limitu. B'mod iktar konkret, il-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza, stabbilit f'din id-dispożizzjoni, jimponi fuq l-Istati Membri li jiġbru f'limiti raġonevoli l-preżunzjonijiet ta' fatt u ta' dritt li jinsabu fil-liġijiet repressivi, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-gravità tal-kwistjoni u billi jippreżervaw id-drittijiet tad-difiża [35].

[26] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot fil-kawża ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni (C-352/09 P, EU:C:2010:635, punti 51 u 161).

[27] Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Lulju 1999, Il-Kummissjoni vs Anic Partecipazioni (C-49/92 P, EU:C:1999:356, punt 78), u tal-10 ta' Settembru 2009, Akzo Nobel *et* vs Il-Kummissjoni (C-97/08 P, EU:C:2009:536, punti 56 u 77).

[28] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 1999, Hüls vs Il-Kummissjoni (C-199/92 P, EU:C:1999:358, punti 149 u 150).

[29] Sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Rubach (C-344/08, EU:C:2009:482, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[30] Sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni (C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 72).

[31] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck (C-45/08, EU:C:2009:806, punti 42 u 44), kif ukoll tad-9 ta' Settembru 2021, Adler Real Estate *et* (C-546/18, EU:C:2021:711, punt 46).

[32] Għall-kuntrarju ta' din il-ġurisprudenza, għandha tiġi enfasizzata l-pusillanimità tal-leġiżlatur Ewropew li eskluda l-persuni ġuridiċi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali (ĠU 2016, L 65, p. 1), billi qies prematur li jilleġiżla fil-livell tal-Unjoni dwar il-preżunzjoni tal-innoċenza tal-persuni ġuridiċi, li għandha tiġi protetta mill-garanziji leġiżlattivi eżistenti u l-ġurisprudenza attwali li l-evoluzzjoni tagħhom għandha tiġi ddeterminata fil-livell tal-Unjoni, skont il-premessi 14 u 15 ta' dan l-att.

[33] Ara, b'mod partikolari u reċenti, is-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2020, Pirelli u C. vs Il-Kummissjoni (C-611/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:868, punti 65 sa 71), u tal-15 ta' April 2021, Italmobiliare *et* vs Il-Kummissjoni (C-694/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2021:286, punti 52 sa 59).

[34] Ara, pereżempju, Qorti EDB, 23 ta' Lulju 2002, Janosevic vs L-Isvezja, CE:ECHR:2002:0723JUD003461997, punt 101 u l-ġurisprudenza ċċitata.

[35] Sentenzi tat-23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck (C-45/08, EU:C:2009:806, punti 43), u tad-9 ta' Settembru 2021, Adler Real Estate *et* (C-546/18, EU:C:2021:711, punt 47).

38. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li d-drittijiet tad-difiża huma parti mid-diversi elementi li jikkostitwixxu l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta [36]. Fl-ewwel paragrafu tiegħu, dan l-aħħar jipprovdi li kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni ġew miksura għandha d-dritt għal rimedju effettiv, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu. Ma' dan id-dritt jikkorrispondi l-obbligu impost fuq l-Istati Membri, fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jistabbilixxu r-rimedji meħtieġa sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni [37]. Wara li rrilevat li d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti, stabbilit permezz tal-Artikolu 47 tal-Karta, jinsab taħt it-Titolu VI tagħha, dwar il-ġustizzja, li fih huma stabbiliti prinċipji proċedurali oħra li japplikaw għall-persuni kemm fiżiċi kif ukoll ġuridiċi [38], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva għandu jiġi interpretat fis-sens li ma huwiex eskluż li jiġi invokat minn persuni ġuridiċi, peress li dawn tal-aħħar jistgħu, f'dan ir-rigward, jingħataw, taħt ċerti kundizzjonijiet, l-għajnuna legali [39].

39. Bħala konklużjoni, inqis li, sa fejn, bħal f'dan il-każ, is-sanzjoni pekunjarja li tista' tiġi imposta fuq persuna ġuridika hija relatata ma' reat kriminali u hija ta' natura kriminali, il-proċedura relatata ma' din is-sanzjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tal-KEDB u din il-persuna hija għalhekk iġġustifikata li tinvoka d-drittijiet fundamentali stabbiliti fl-Artikoli 47 sa 49 tal-Karta, peress li l-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom, konsegwentement, jiżguraw ir-rispett ta' dawn id-drittijiet [40].

40. Huwa fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti li għandha tiġi eżaminata l-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

2. Fuq il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fir-rigward tal-użu ta' mekkaniżmu doppju ta' preżunzjoni

a) Osservazzjonijiet preliminari

41. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tesprimi d-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali billi tirreferi għas-sentenza G.I.E.M s.r.l *et* vs L-Italja [41], li fiha l-Qorti EDB iddeċidiet li l-Artikolu 7 tal-KEDB jipprekludi li sanzjoni ta' natura kriminali tista' tiġi imposta fuq persuna mingħajr ma tiġi stabbilita u ddikjarata minn qabel ir-responsabbiltà kriminali personali tagħha, li jimplika l-konstatazzjoni mill-qorti adita bit-tlaqqigħ tal-elementi kostitwenti kollha tal-ksur inkwistjoni. F'każ kuntrarju, il-preżunzjoni ta' innoċenza ggarantita mill-Artikolu 6(2) tal-KEDB tkun, hija wkoll, miksura.

[36] Sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684, punt 48), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tiċċita wkoll id-dritt ta' aċċess għall-qrati. Infakkru li huwa l-Artikolu 48(2) tal-Karta li jipprovdi li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża huwa ggarantit lil kull akkużat.

[37] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, État luxembourgeois (Dritt għal azzjoni ġudizzjarja kontra talba għal informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni) (C-245/19 u C-246/19, EU:C:2020:795, punt 47).

[38] Din il-konklużjoni hija evidentement meħtieġa bħala bbażata fuq it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kunċett funzjonali u oġġettiv ta' "individwu", jiġifieri ta' attur fil-kawża quddiem qorti, indifferenti għad-distinzjoni bejn persuni fiżiċi u ġuridiċi.

[39] Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB (C-279/09, EU:C:2010:811, punti 40 u 59).

[40] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, Prokuratura Rejonowa Łódź-Bałuty (C-338/20, EU:C:2021:805, punti 29 u 30), filwaqt li jiġi osservat li d-"destinatarji" tad-deċiżjonijiet li jissanzjonaw il-kontravenzjonijiet bit-triq, imsemmija f'din is-sentenza, jistgħu jkunu persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

[41] Qorti EDB, 28 ta' Ġunju 2018, G.I.E.M s.r.l *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2018:0628JUD000182806, punt 251.

42. Jidhirli li huwa neċessarju, fl-ewwel lok, li jiġi enfasizzat li l-qorti tar-rinviju ma fehmitx korrettament il-portata tas-sentenza msemmija iktar ’il fuq. Il-Qorti EDB eżiġiet dikjarazzjoni minn qabel tar-responsabbiltà kriminali tal-persuna ssanzjonata, li tosserva l-garanziji previsti mill-Artikolu 7 tal-KEDB u li tirriżulta minn proċedura, mhux neċessarjament kriminali, konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6 ta’ din il-konvenzjoni. F’dan il-kuntest speċifiku, hija kkunsidrat, fil-kawża mressqa, li l-konstatazzjoni mill-qrati nazzjonali tal-elementi kostituttivi kollha tar-reat inkwistjoni setgħet tiġi analizzata, essenzjalment, f’tali dikjarazzjoni u għalhekk f’kundanna fis-sens tal-Artikolu 7 tal-KEDB [42].

43. Huwa minnu li l-Qorti EDB fakkret, fuq il-bażi tal-Artikolu 6(2) u tal-Artikolu 7 tal-KEDB, li għandhom komuni bejniethom li jipproteġu d-dritt ta’ kull persuna li ma tiġix imposta fuqha piena mingħajr ma r-responsabbiltà personali tagħha tkun ġiet debitament stabbilita, il-projbizzjoni li persuna tiġi ssanzjonata għal reat imwettaq minn oħra. F’dan il-każ, hija qieset li l-miżura ta’ konfiska applikata għal persuni ġuridiċi, li ma humiex parti fil-proċedura peress li ma setgħux legalment iwettqu reat kriminali, kienet twassal għal ksur tal-prinċipju li persuna ma tistax tiġi ssanzjonata għal att li jagħti lok għar-responsabbiltà kriminali ta’ ħaddieħor. Minbarra l-fatt li l-evalwazzjoni li għamlet il-Qorti EDB hija evidentement dipendenti ħafna fuq il-fatti tal-każ, li huma b’mod partikolari differenti minn din il-kawża, jidhirli li huwa importanti li jiġi rrilevat li l-qorti tar-rinviju, ukoll u fuq kollox, naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni t-tfakkira preliminari mill-Qorti EDB tar-rikors possibbli għal preżunzjonijiet, inkluż fuq il-bażi tal-Artikolu 7 tal-KEDB u għalhekk għal preżunzjonijiet ta’ responsabbiltà [43].

44. Fit-tieni lok, nosserva li l-ġurisdizzjoni tal-qorti adita huma ddefiniti fl-Artikolu 83(5) taż-ZANN, jiġifieri, li jiġi vverifikat jekk il-persuna ġuridika inkwistjoni kisbitx vantaġġ illegali, jekk teżistix rabta bejn l-awtur tar-reat u l-persuna ġuridika kif ukoll bejn ir-reat u l-vantaġġ miksub minn din il-persuna ġuridika u, fl-aħħar nett, tistabbilixxi l-valur u n-natura patrimonjali tal-vantaġġ illegali. Billi kkunsidrat li hija nieqsa minn kompetenza sabiex tivverifika t-twettiq tal-ksur fiskali, li huwa ttrattat fil-proċeduri kriminali paralleli mibdija kontra ZK, il-qorti tar-rinviju tagħti interpretazzjoni stretta ta’ dan l-artikolu li ma hijiex kondiviża mill-Kummissjoni. Din tal-aħħar issostni li l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta’ vantaġġ “illegali” tagħmel parti mill-prerogattivi tal-qorti u li l-karatterizzazzjoni ta’ din l-aħħar klassifikazzjoni tawtorizza neċessarjament dibattitu dwar il-materjalità tal-ksur. Madankollu, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, għalkemm hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tinterpreta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, hija biss il-qorti tar-rinviju li għandha tinterpreta l-leġiżlazzjoni nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha għalhekk tillimita ruħha għall-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali kif ġiet esposta lilha minn din il-qorti [44].

45. Fid-dawl ta’ dan, għandha tiġi evalwata l-kompatibbiltà tal-proċedura prevista fl-Artikoli 83a *et seq.* taż-ZANN li hija bbażata fuq mekkaniżmu doppju ta’ preżunzjoni, filwaqt li jitfakkar li, għalkemm ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi, fil-kuntest tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari, dwar il-kompatibbiltà ta’ dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni, hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi kollha ta’ interpretazzjoni li jaqgħu taħt dan id-dritt li jistgħu jippermettulha tevalwa tali konformità għad-deċiżjoni tal-kawża li tagħha hija adita [45].

[42] Qorti EDB, 28 ta’ Ġunju 2018, G.I.E.M s.r.l *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2018:0628JUD000182806, punti 255 sa 261.

[43] Qorti EDB tat-28 ta’ Ġunju 2018, G.I.E.M s.r.l *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2018:0628JUD000182806, punti 243 u 244.

[44] Sentenza tas-26 ta’ Ġunju 2019, Addiko Bank (C-407/18, EU:C:2019:537, punt 52).

[45] Sentenza tal-15 ta’ April 2021, Grupa Warzywna (C-935/19, EU:C:2021:287, punt 20).

b) Fuq il-preżunzjoni ta' imputazzjoni tal-ksur lill-persuna ġuridika

46. Fir-rigward tas-sistema ta' responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi stabbilita mil-leġiżlazzjoni Bulgara, għandu jiġi kkonstatat li din hija responsabbiltà speċjali, limitata għar-reati li għalihom hija prevista, imfassla minn mudell rappreżentattiv. Il-qorti kriminali adita ma tistax għalhekk tikkritika direttament ksur tal-persuna ġuridika kkonċernata, peress li r-responsabbiltà ta' din tal-aħħar hija "marbuta" għal dik ta' persuna fiżika identifikata, li fir-rigward tagħha huwa kkunsidrat li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tagħha, hija aġixxiet għan-nom tal-persuna ġuridika, benefiċjarja potenzjali jew ippruvata ta' vantaġġ patrimonjali li joriġina minn aġir li jikkostitwixxi ksur. Il-ksur, f'dan il-każ preżunt imwettaq minn din il-persuna fiżika, jista' għalhekk jiġi imputat lill-persuna ġuridika u jiġġustifika l-istabbiliment tar-responsabbiltà tagħha, mingħajr ma għandu jiġi stabbilit nuqqas separat kontriha.

47. Din ir-responsabbiltà tal-persuna ġuridika tixbah lil responsabbiltà indiretta jew b'mod mhux dirett, billi tenfasizza l-fatt li din il-persuna ġuridika tista' taġixxi biss permezz ta' persuni fiżiċi li jistgħu jagħtuha responsabbiltà. Tali klassifikazzjoni, li hija ta' natura li tmur kontra l-Artikolu 7 tal-KEDB u l-Artikolu 49 tal-Karta, li jistabbilixxi l-prinċipju ta' individwalità tal-pieni, ma hijiex madankollu xierqa għal responsabbiltà bbażata fuq it-teknika tar-rappreżentanza. Fil-fatt, il-persuna fiżika kkonċernata ma hijiex ħaddieħor meta mqabbla mal-persuna ġuridika iżda hija l-persuna ġuridika, li hija nnifisha tidentifika. Din tal-aħħar ser tkun kriminalment responsabbli bħala awtriċi tar-reat imwettaq f'isimha minn persuna fiżika kapaċi li tintrabat bih u li tkun wettqet l-elementi kostituttivi tar-reat. Din hija responsabbiltà personali b'rappreżentanza, u mhux sostituttiva [46].

48. Barra minn hekk, għandu jiġi kkonstatat li, fil-kuntest ta' proċedura ġudizzjarja ta' natura kontradittorja, il-persuna ġuridika għandha l-possibbiltà li tikkonfuta din il-preżunzjoni ta' imputazzjoni tal-ksur, u b'hekk tirrileva n-natura konfutabbli tagħha meħtieġa mill-Qorti tal-Ġustizzja [47]. Il-Qorti EDB ikkunsidrat li, f'dak li jirrigwarda l-użu ta' preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' liġi fil-qasam kriminali, l-Istati ma għandhomx jeċċedu ċertu limitu, f'dan il-każ inqabeż meta preżunzjoni jkollha l-effett li ċċaħħad lil persuna minn kull possibbiltà li tinħeba fir-rigward tal-fatti imposti fuqha, u b'hekk iċaħħduha mill-benefiċċju tal-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza [48].

49. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-proposta ta' sanzjoni ppreżentata mill-prosekutur pubbliku għandha tinkludi ċertu numru ta' elementi, iddefiniti fl-Artikolu 83(2) taż-ZANN, li juru l-oneru tal-prova li għandu l-Uffiċċju tal-Prosekutur, fir-rigward b'mod partikolari tan-natura u tal-valur tal-vantaġġ, kif ukoll tal-eżistenza ta' rabta diretta bejn ir-reat u dan il-vantaġġ. Il-persuna ġuridika kkonċernata, li għandha tissejjaħ għas-seduta pubblika ta' eżami ta' din il-proposta, għandha l-possibbiltà li tikkontesta din tal-aħħar fil-kuntest tal-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża tagħha. Il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju, kif iddefinita fl-Artikolu 83(5) taż-ZANN, turi fil-fatt in-natura konfutabbli tal-preżunzjoni ta' imputazzjoni tal-ksur, peress li l-qorti għandha tevalwa, fost elementi oħra u abbażi tal-provi miġbura *ex officio* jew fuq talba

[46] Huwa dan l-istess mudell li għażel il-leġiżlatur Ewropew f'diversi standards, b'mod partikolari fid-Direttiva 2005/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar tniġġis ikkawżat minn vapuri u dwar l-introduzzjoni ta' penali, inklużi pieni kriminali, għal reati ta' tniġġis (ĠU 2005, L 255, p. 11, rettifika fil-ĠU 2006, L 33, p. 87, u rettifika fil-ĠU 2006, L 105, p. 65), kif emendata bid-Direttiva 2009/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 (ĠU 2009, L 280, p. 52) u d-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU 2011, L 101, p. 1)

[47] Sentenza tat-23 ta' Diċembru 2009, Spector Photo Group u Van Raemdonck (C-45/08, EU:C:2009:806, punt 44).

[48] Qorti EDB, 28 ta' Ġunju 2018, G.I.E.M s.r.l *et* vs L-Italja, CE:ECHR:2018:0628JUD000182806, punt 243 u l-ġurisprudenza ċċitata.

tal-partijiet, l-eżistenza ta' rabta bejn l-awtur tal-ksur u l-persuna ġuridika [49]. Għalhekk jidher li l-qorti adita għandha ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-kwistjonijiet kollha ta' fatt u ta' liġi li huma rilevanti *għall-kawża li jkollha quddiemha* [50].

c) Fuq il-preżunzjoni tat-twettiq tal-ksur

50. Skont il-leġiżlazzjoni Bulgara jirriżulta li l-qorti kriminali tista' tiġi adita permezz ta' talba mill-prosekutur li jkun fiha l-informazzjoni tad-data personali tal-persuni "akkużati" bir-reat u li jista' jimponi sanzjoni pekunjarja fuq persuna ġuridika "irrispettivament mill-involviment attwali tar-responsabbiltà tal-persuni [fiżiċi] li pparteċipaw fil-ksur" [51]. Għalhekk, jidher li l-persuna ġuridika tista' tiġi ssanzjonata kriminalment għal allegat reat imwettaq mill-persuna fiżika li kapaċi tadixxih, mingħajr ma l-imħallef kompetenti, fl-ewwel istanza jew fl-appell [52], ikun jista' jevalwa l-attwalità ta' dan il-ksur, bil-mistoqsija rriżervata għas-sentenza ta' din it-tieni persuna, u lanqas jissospendi l-proċeduri sakemm tingħata din is-sentenza [53].

51. Ċertament, jista' jiġi rrilevat li l-proposta tal-prosekutur għandu jkun fiha deskrizzjoni tar-reat li tispeċifika ċ-ċirkustanzi li fihom twettaq u lista ta' dokumenti bil-miktub li jistabbilixxu dawn iċ-ċirkustanzi, li tkun tista' tipprovdi prova ta' fatti li, mill-impressjoni tagħhom, irendu l-imputabbiltà raġonevolment veritiera [54]. Barra minn hekk u fuq kollox, l-Artikolu 83f taż-ZANN jipprevedi l-possibbiltà li jinfetħu l-proċeduri mill-ġdid, b'mod partikolari fuq inizjattiva tal-persuna ġuridika ssanzjonata, fil-każ li l-Uffiċċju tal-Prosekutur jabbanduna l-proċeduri kontra din il-persuna fiżika, meta l-att ma jkunx twettaq jew ma jikkostitwixxix reat [55], jew liberazzjoni minnu permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tkun saret *res judicata* [56]. Il-qorti hekk adita tista', fi tmiem proċedura kontradittorja u jekk tqis li t-talba għal ftuħ mill-ġdid hija fondata, tannulla d-deċiżjoni ta' sanzjoni [57]. Il-preżunzjoni tat-twettiq tar-reat tista' għalhekk tiġi kkonfutata.

[49] Barra minn hekk, id-deċiżjoni li permezz tagħha l-qorti timponi sanzjoni pekunjarja fuq il-persuna ġuridika tista' tkun is-suġġett ta' appell f'terminu ta' erbatax-il jum min-notifika tagħha lill-partijiet. Il-qorti tal-appell kompetenti għandha l-possibbiltà li temenda jew tannulla tali deċiżjoni.

[50] Sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Adler Real Estate *et* (C-546/18, EU:C:2021:711, punt 53).

[51] Ara, rispettivament, il-punt 5 tal-Artikolu 83b(2) u l-Artikolu 83a(4) taż-ZANN. F'dan il-każ, huwa stabbilit li, fid-data tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-proċeduri kriminali mibdija kontra l-persuna li tmexxi u li tirrappreżenta l-kumpannija Delta Stroy għal ħabi fid-dikjarazzjonijiet fil-qasam tal-VAT kienu għadhom pendenti.

[52] Ebda element tal-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-qorti tal-appell għandha kompetenzi usa' minn dik tal-ewwel istanza f'dak li jirrigwarda l-evalwazzjoni tar-responsabbiltà tal-persuna ġuridika.

[53] Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-persuna fiżika u l-persuna ġuridika kkonċernati huma s-suġġett ta' trattament proċedurali distint u ma jistax jitqies li tal-ewwel tista' teżerċita, fil-kuntest tal-proċeduri li tagħhom hija suġġett għall-istess ksur, id-drittijiet tad-difiża tat-tieni waħda. Fil-fatt, dawn id-drittijiet għandhom natura suġġettiva, tant li huma l-partijiet ikkonċernati stess li għandhom ikunu f'pożizzjoni li jeżerċitawhom effettivament, indipendentement min-natura tal-proċedura li huma s-suġġett tagħha (sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, Adler Real Estate *et* (C-546/18, EU:C:2021:711, punt 59)).

[54] Infakkru li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, essenzjalment, li, bla ħsara għall-osservanza tad-drittijiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mill-Karta, l-amministrazzjoni fiskali nazzjonali, sabiex tikkonstata l-eżistenza ta' frodi tal-VAT, għandha tkun tista' tibbaża ruħha fuq provi miksuba fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mhux magħluqa li ma jikkonċernawx lill-persuna taxxabbli (sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punt 38), u tal-24 ta' Frar 2022, SC Cridar Cons (C-582/20, EU:C:2022:114, punt 37)).

[55] Ara l-punt 2 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

[56] L-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Nru 7 tal-KEDB jipprevedi l-possibbiltà li jinfetħu mill-ġdid, jekk ikun il-każ, il-proċeduri kriminali meta fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati jew jekk ikun hemm difett fundamentali fil-proċedura preċedenti jkunu ta' natura li jaffettwaw is-sentenza kriminali mogħtija.

[57] L-okkorrenza ta' waħda mis-sitwazzjonijiet ikkonċernati, abbandun mill-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-proċeduri diretti kontra din il-persuna fiżika, meta l-att ma jkunx twettaq jew ma jikkostitwixxix ksur, jew il-liberazzjoni tiegħu, ma tħalli l-ebda dubju dwar l-eżitu ta' dan l-eżami ġdid tal-kawża fid-dawl tal-mekkaniżmu ta' imputazzjoni tal-ksur permezz ta' rappreżentanza kkunsidrat bħala bażi għar-responsabbiltà tal-persuna ġuridika.

52. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-persuna ġuridika kkonċernata tista' tkun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' kundanna definittiva [58], segwita minn eżekuzzjoni, mingħajr ma jkollha l-possibbiltà li ssostni l-osservazzjonijiet tagħha fir-rigward tat-twettiq tar-reat fiskali imputat lilha qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni oġġettivament dannuża, li huwa ta' natura li jostakola r-rispett tad-drittijiet tad-difiża [59].

53. Barra minn hekk, il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura msemmija iktar 'il fuq jikkostitwixxi implimentazzjoni ta' rimedju straordinarju, li jirrappreżenta kontinwazzjoni tal-ewwel proċedura [60], li l-bidu tagħha huwa marbut ma' avveniment każwali fir-rigward tal-okkorrenza tagħha minn perspettiva *ratione temporis*. Huwa konċepibbli li d-deċiżjoni ta' liberazzjoni tal-persuna fiżika akkużata tista' sseħħ biss wara li jiġu eżerċitati rimedji ġudizzjarji, li jtawwal b'mod partikolari t-tul ta' din il-proċedura. Sakemm iddum il-proċedura kriminali kontra r-rappreżentant tal-kumpannija, bħal f'dan il-każ, din tal-aħħar tinsab effettivament imċaħħda mill-possibbiltà li tressaq talba għal ftuħ mill-ġdid quddiem qorti li għandha l-kompetenza tikkonstata l-assenza tat-twettiq tal-ksur imputat lilha u, bl-istess mod, in-natura infondata tas-sanzjoni kriminali imposta. Issa, l-aċċess għal tali qorti ma għandux jiġi suġġett għal kundizzjonijiet li jagħmluha eċċessivament diffiċili [61], peress li l-persuna ġuridika kkonċernata ma tistax tiġi mċaħħda mill-possibbiltà msemmija iktar 'il fuq lil hinn minn terminu raġonevoli. Tali sitwazzjoni hija ta' natura li tmur kontra d-dritt ta' aċċess għal qorti [62].

54. Jibqa' l-fatt li d-dritt ta' aċċess għal qorti u l-prinċipju ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża ma jikkostitwixxux prerogattivi assoluti, iżda jistgħu, taħt ċerti kundizzjonijiet, jinkludu restrizzjonijiet [63].

d) Fuq il-limitazzjoni tal-garanziji fundamentali

55. Barra minn hekk, l-Artikolu 52(1) tal-Karta jipprevedi li jista' jkun hemm limitazzjonijiet għall-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet iggarantiti minnha sakemm, l-ewwel, dawn il-limitazzjonijiet ikunu previsti mil-liġi, it-tieni, ikunu josservaw il-kontenut essenzjali tad-drittijiet u l-libertajiet inkwistjoni, u, it-tielet, li, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, dawn ikunu meħtieġa u jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor [64]. F'dan ir-rigward, infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja teħtieġ li r-rikors għal preżunzjonijiet ta' fatt jew ta' dritt fil-qasam kriminali jkun ċirkoskritt f'"limiti raġonevoli", filwaqt li titqies il-gravità tal-kwistjoni u li jiġu mħarsa d-drittijiet tad-difiża. Skont il-Qorti EDB, l-Istati għandhom jibbilanċjaw dawn iż-żewġ elementi; fi kliem ieħor, il-mezzi użati għandhom ikunu raġonevolment proporzjonati għall-għan leġittimu mfittex [65].

[58] Fl-assenza ta' appell jew rifjut ta' dan tal-aħħar (ara l-Artikoli 83e(5) u l-Artikolu 83f taż-ZANN).

[59] Ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punti 41 u 52), kif ukoll tal-4 ta' Ġunju 2020.C.F. (Contrôle fiscal) (C-430/19, EU:C:2020:429, punt 30). Din il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar proċeduri amministrattivi ta' kontroll fiskali fil-qasam tal-VAT għandha tiġi applikata *a fortiori* fil-kuntest ta' proċedura li tista' twassal, fl-istess qasam, għall-adozzjoni ta' sanzjoni pekunjarja li għandha natura kriminali.

[60] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2014, M (C-398/12, EU:C:2014:1057, punt 39).

[61] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Novembru 2013, Baláž (C-60/12, EU:C:2013:733, punt 46).

[62] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-24 ta' Frar 2022, SC Cridar Cons (C-582/20, EU:C:2022:114, punt 51).

[63] Sentenzi tal-24 ta' Frar 2022, SC Cridar Cons (C-582/20, EU:C:2022:114, punt 50), u tas-16 ta' Ottubru 2019, Glencore Agriculture Hungary (C-189/18, EU:C:2019:861, punt 43).

[64] Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2020, État luxembourgeois (Dritt għal azzjoni ġudizzjarja kontra talba għal informazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni) (C-245/19 u C-246/19, EU:C:2020:795, punt 51).

[65] Sentenza tal-Qorti EDB, 23 ta' Lulju 2002, Janosevic vs L-Isvezja, CE:ECHR:2002:0723JUD003461997, punt 101.

56. Fl-ewwel lok, nirrileva li mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-bażi legali tas-sistema ta' responsabbiltà tal-persuna ġuridika għar-reat fiskali inkwistjoni hija stabbilita fl-Artikoli 83a *et seq*. taż-ZANN, b'tali mod li għandha titqies li hija prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fit-tieni lok, din is-sistema tosserva, fil-fehma tiegħi, il-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fir-rigward taż-żewġ elementi kostituttivi tagħha li huma r-rispett tad-drittijiet tad-difiża u r-rispett tad-dritt ta' aċċess għal qorti. Fil-fatt, l-imsemmija skema ma tikkontestax dawn id-drittijiet bħala tali. Huwa biss kuntest proċedurali li jinkludi l-implimentazzjoni ta' rimedju straordinarju li huwa impost sabiex dawn jiġu eżerċitati b'mod sħiħ [66].

57. Fit-tielet lok, is-sistema ta' responsabbiltà tal-persuna ġuridika prevista fl-Artikoli 83a *et seq*. taż-ZANN jidhirli li tissodisfa għan ta' interess ġenerali. Minkejja l-assenza ta' preċiżazzjonijiet fid-deċiżjoni tar-rinviju, huwa fil-fatt possibbli li jiġi kkunsidrat li tali sistema taqa' taħt l-implimentazzjoni tal-obbligu impost fuq kull Stat Membru li jadotta l-miżuri leġiżlattivi u amministrattivi kollha xierqa sabiex jiggarantixxu l-ġbir tal-VAT kollha dovuta fit-territorju tiegħu u għall-ġlieda kontra l-frodi [67]. L-Artikolu 325(1) TFUE jobbliga għalhekk lill-Istati Membri jiġġieldu kontra l-frodi u kull attività illegali oħra li tippreġudika l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz ta' miżuri effettivi u dissważivi. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li peress li r-riżorsi proprji tal-Unjoni jinkludu b'mod partikolari, skont l-Artikolu 2(b) tad-Deċiżjoni 2007/436/KE, Euratom [68], id-dħul provenjenti mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għall-bażi armonizzata tal-VAT iddeterminata skont ir-regoli tal-Unjoni, teżisti rabta diretta bejn il-ġbir tad-dħul mill-VAT b'osservanza tad-dritt tal-Unjoni applikabbli u t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-baġit tal-Unjoni tar-riżorsi mill-VAT korrispondenti, peress li kull lakuna fil-ġbir tal-ewwel tinsab potenzjalment fl-oriġini ta' tnaqqis tat-tieni [69].

58. Sabiex jiġi żgurat li dan id-dħul jinġabar kollu u sabiex għalhekk tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom libertà fl-għażla tas-sanzjonijiet applikabbli, li jistgħu jieħdu l-forma ta' sanzjonijiet amministrattivi, ta' sanzjonijiet kriminali jew ta' taħlita tat-tnejn. Madankollu, sanzjonijiet kriminali jistgħu jkunu indispensabbli sabiex ċerti każijiet ta' frodi gravi tal-VAT jiġu miġġielda b'mod effettiv u dissważiv, kif jeżiġi l-Artikolu 2(1) tal-Konvenzjoni stabbilita abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea, iffirmata fi Brussell fis-26 ta' Lulju 1995 [70], moqri flimkien mal-Artikolu 1(1) tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li r-regoli tal-proċedura kriminali, previsti mid-dritt nazzjonali, jippermettu repressjoni effettiva tal-ksur marbut ma' tali aġir. F'dan il-kuntest, fl-ewwel lok, huwa l-leġiżlatur nazzjonali li għandu jieħu l-miżuri meħtieġa. Huwa għandu, jekk ikun il-każ, jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu u jiggarantixxi li s-sistema proċedurali applikabbli għall-prosekuzzjoni ta' reati li jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni ma tkunx maħsuba b'tali mod li tippreżenta, għal raġunijiet inerenti għaliha, riskju sistematiku ta' impunità tal-fatti li jikkostitwixxu tali reati, kif ukoll li tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-persuni mħarrka [71].

66 Ara, b'analoġija, s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2012, Otis *et* (C-199/11, EU:C:2012:684, punti 63 u 64).

67 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Frar 2013, Åkerberg Fransson (C-617/10, EU:C:2013:105, punt 25).

68 Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU 2007, L 163, p. 17).

69 Sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punti 25 u 26).

70 ĠU 1995, C 316, p. 49.

71 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Jannar 2019, Dzivev *et* (C-310/16, EU:C:2019:30, punti 27, 29 u 31).

59. Fir-raba' lok, għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-kawża prinċipali, jekk ir-restrizzjonijiet stabbiliti mis-sistema ta' responsabbiltà Bulgara humiex manifestament sproporzjonati meta mqabbla mal-għan imfittex[72], huwa possibbli li jiġi rrilevat li, bħala prinċipju, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi jew kriminali għall-ksur ta' obbligi ta' dikjarazzjoni fil-qasam tal-VAT hija ta' natura li tiggarantixxi l-osservanza tal-leġiżlazzjoni fil-qasam u, għaldaqstant, li hija xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex f'dan ir-rigward[73].

60. Fid-dispożittiv inkwistjoni, l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' sanzjoni pekunjarja tal-persuna ġuridika mill-qorti tal-ewwel istanza għandha l-għan li tiggarantixxi żvolġiment rapidu tal-proċeduri mwettqa għall-istabbiliment u t-tneħħija ta' reati fiskali bbażati fuq probabbiltà raġonevoli tal-fatti allegati[74] u l-imputabbiltà tagħhom, lill-persuna ġuridika u lill-persuna fiżika li tista' tirreklutaha. Din tal-aħħar ġiet direttament akkużata bl-aġir kriminali tagħha, ħaġa li tevita kull evitar ta' responsabbiltà, u taf li hija tesponi lill-persuna ġuridika għall-ftuħ simultanju ta' proċeduri u għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet ta' natura kriminali minħabba l-aġir tagħha. Il-possibbiltà li l-persuna ġuridika tiġi ssanzjonata fi stadju bikri tal-proċedura tillimita r-riskju ta' impunità, li jista', b'mod partikolari, ikun marbut ma' organizzazzjoni frawdolenti ta' insolvenza. Hija tippermetti li teżerċita pressjoni fuq il-kumpannija sabiex tobbligaha tosserva l-obbligi fiskali tagħha. F'dan ir-rigward, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista', fil-fehma tiegħi, titqies bħala strument effikaċi ta' prevenzjoni u ta' repressjoni tad-delinkwenza tal-impriżi suġġetti għall-VAT. Strument iktar u iktar neċessarju fil-kuntest ta' sistema ta' tassazzjoni bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-persuni taxxabbli.

61. Barra minn hekk, ma tidher li għandha tiġi imposta ebda miżura inqas restrittiva minn din id-dispożizzjoni u adatta sabiex jintlaħqu b'mod daqstant effettiv l-għanijiet tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT[75]. F'dan ir-rigward, nirrileva li l-verżjoni preċedenti taż-ZANN, li tikkundizzjona s-sanzjoni tal-persuna ġuridika għall-kundanna definittiva tal-persuna fiżika li għandha l-kapaċità li tinvolviha, ma jidhirlix li tippreżenta l-istess garanziji ta' effikaċja fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskju ta' impunità u tan-neċessità li tiġi mneħħija, fl-iqsar żmien possibbli, forma gravi ta' delinkwenza ekonomika, li tippreġudika l-interess pubbliku iżda wkoll għall-interessi tal-impriżi kompetituri li josservaw il-leġiżlazzjoni fiskali.

62. Fl-aħħar nett, ma jidhirx li jeżisti sproporzjon manifest bejn l-għanijiet imfittxija u l-inkonvenjenzi kkawżati minn kuntest proċedurali li jikkombina l-ewwel proċedura suġġetta għal żewġ istanzi ta' qorti u rikors għal reviżjoni[76], bla ħsara, madankollu, għal verifika mill-qorti tar-rinviju ta' żewġ elementi.

[72] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, EU:C:2012:531, punt 59).

[73] Ara, b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Ottubru 2021, Landespolizeidirektion Steiermark (Magni tal-logħob) (C-231/20, EU:C:2021:845, punt 44).

[74] L-istabbiliment, f'dan il-każ, ta' frodi tal-VAT marbuta ma' nuqqasijiet tal-amministratur u tar-rappreżentant tal-persuna ġuridika tal-obbligi ta' dikjarazzjoni tagħha fil-qasam ma jidhirlix li huwa ta' natura li jqajjem diffikultajiet probatorji sinjifikattivi.

[75] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725, punt 68).

[76] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725, punt 69). Fi kliem ieħor, l-inkonvenjenzi kkawżati ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija.

63. L-ewwel, huwa stabbilit li jekk hija tqis fondata t-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura mressqa mill-persuna ġuridika, il-qorti adita tannulla d-deċiżjoni ta' sanzjoni u tirrinvija l-kawża sabiex din tiġi eżaminata mill-ġdid [77]. Minbarra l-fatt li din it-talba ma twassalx awtomatikament għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjoni, id-deskrizzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali pprovduta ma tinkludix indikazzjoni dwar l-eventwali tip ta' miżuri ta' eżekuzzjoni u fuq rimbors possibbli tal-penalità imposta wara l-annullament tad-deċiżjoni ta' sanzjoni, li jidhirli li huwa indispensabbli. Infakkar li, fil-kuntest ta' kwistjoni relatata, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Istati Membri huma obbligati, bħala prinċipju, li jħallsu lura t-taxxi miġbura bi ksur tad-dritt tal-Unjoni u li t-talba għal rimbors tal-VAT indebitament imħallsa taqa' taħt id-dritt li jiġi rkuprat l-ammont mhux dovut, li għandu l-għan li jirrimedja l-konsegwenzi tal-inkompatibbiltà tat-taxxa mad-dritt tal-Unjoni billi jinnewtralizza l-piż ekonomiku li poġġiet indebitament fuq l-operatur li, fl-aħħar mill-aħħar, fil-fatt ġie sostnut [78]. Barra minn hekk, il-modalitajiet għar-rimbors ta' VAT żejjed għandhom jippermettu lill-persuna taxxabbli li tirkupra, taħt kundizzjonijiet adegwati, id-dejn kollu li jirriżulta minn dan l-eċċess, li jimplika li r-rimbors isir fi żmien raġonevoli u li, fi kwalunkwe każ, il-mod ta' rimbors adottat ma joħloq l-ebda riskju finanzjarju għall-persuna taxxabbli [79].

64. It-tieni, mid-deċiżjoni tar-rinviju jidher li jirriżulta li, sat-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura, il-persuna ġuridika ssanzjonata ma tistax topponi l-eżekuzzjoni forzata ta' deċiżjoni li timponi konsegwenzi serji fir-rigward tas-saħħa finanzjarja tagħha, inkluż riskju ta' falliment. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju għandha, fil-fehma tiegħi, tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tippermettix jew tipprekludix l-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, bħas-sospensjoni tal-proċedura ta' eżekuzzjoni forzata, fil-każijiet eċċezzjonali fejn l-urġenza tas-sitwazzjoni timponiha [80] jew, fi kliem ieħor, sabiex tipprevjeni li jseħħu konsegwenzi negattivi irrimedjabbli.

65. Taħt dawn iż-żewġ riżervi, nikkunsidra li l-preżunzjonijiet adottati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma limitati f'limiti raġonevoli konformement mar-rekwiżit tal-Qorti tal-Ġustizzja.

C. Fuq it-tieni domanda preliminari

66. Fid-dawl tal-konstatazzjoni preliminari tal-inapplikabbiltà tad-Deċiżjoni Qafas 2005/212 u tal-kontenut tar-risposta ssuġġerita għall-ewwel domanda preliminari, hemm lok, fil-fehma tiegħi, li t-tieni domanda preliminari tiġi fformulata mill-ġdid fis-sens li l-qorti tar-rinviju tistaqsi

[77] Fil-każ ta' abbandun tal-proċeduri kontra l-persuna fiżika jew ta' liberazzjoni tagħha, wieħed jista' jistaqsi dwar is-suġġett u għalhekk is-sens ta' eżami ġdid tal-kawża f'dak li jikkonċerna r-responsabbiltà tal-persuna ġuridika fil-kuntest ta' sistema bbażata fuq l-imputazzjoni tagħha ta' ksur preżunt imwettaq minn din il-persuna fiżika u, apparentement, fuq kumulu ta' responsabbiltajiet li jipprojbixxu l-prosekuzzjoni tal-persuna ġuridika biss għal att li jikkostitwixxi ksur tar-rappreżentant tagħha, mingħajr ma tkun imfittxija u stabbilita l-ħtija ta' dan tal-aħħar.

[78] Sentenza tal-24 ta' Frar 2022, SC Cridar Cons (C-582/20, EU:C:2022:114, punt 55). Barra minn hekk, fil-kuntest ta' evalwazzjoni tal-limiti raġonevoli li fihom l-Istati jistgħu jirrikorru għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' żidiet ta' taxxa, qabel ma tittieħed deċiżjoni dwar ir-rikors intiż għal tali żidiet, il-Qorti EDB qieset li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni l-possibbiltà li tmur lura għas-sitwazzjoni legali preċedenti fil-każ li jintlaqa' tali rikors u għalhekk tar-rimbors ta' kull somma mħallsa indebitament mill-persuna taxxabbli (ara wkoll Qorti EDB, 23 ta' Lulju 2002, Janosevic vs L-Isvezja, CE:ECHR:2002:0723JUD003461997, punti 105 sa 109).

[79] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2017, Glencore Agriculture Hungary (C-254/16, EU:C:2017:522, punt 20).

[80] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' Marzu 2010, Alassini *et* (C-317/08 sa C-320/08, EU:C:2010:146, punt 67); tal-14 ta' Ġunju 2017, Menini u Rampanelli (C-75/16, EU:C:2017:457, punt 61); u tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725, punti 70 u 71). F'dawn id-deċiżjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, affermat mill-ġdid fl-Artikolu 47 tal-Karta, ma jipprekludix leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jissuġġettaw il-preżentata ta' rimedju ġudizzjarju għall-implimentazzjoni minn qabel ta' proċeduri ta' konċiljazzjoni u ta' medjazzjoni extraġudizzjarji jew għall-obbligu li jiġu eżawriti r-rimedji amministrattivi disponibbli, bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li dawn il-proċeduri ma jwasslux għal dewmien sostanzjali għall-preżentata ta' azzjoni ġudizzjarja u li miżuri provviżorji huma possibbli fil-każijiet eċċezzjonali fejn l-urġenza tas-sitwazzjoni timponi dan.

essenzjalment jekk l-Artikolu 49 tal-Karta jipprekludix leġiżlazzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi li s-sanzjoni pekunjarja imposta fuq il-persuna ġuridika hija tal-inqas ugwali għall-valur tal-vantaġġ illegali.

67. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li s-severità ta' sanzjoni għandha tikkorrispondi għall-gravità tal-ksur ikkonċernat, peress li tali rekwiżit jirriżulta kemm mill-Artikolu 52(1) tal-Karta kif ukoll mill-prinċipju ta' proporzjonalità tal-pieni stabbilit fl-Artikolu 49(3) tagħha. Dan il-prinċipju huwa essenzjali fir-rigward tad-determinazzjoni tar-regoli dwar l-intensità tal-multi u l-evalwazzjoni tal-elementi li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-iffissar ta' dawn il-multi. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-miżuri amministrattivi jew repressivi permessi minn leġiżlazzjoni nazzjonali ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimament imfittxija permezz ta' din il-leġiżlazzjoni [81]. Għalkemm hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa jekk l-ammont tas-sanzjoni jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, għandhom jiġu indikati lil din il-qorti ċerti elementi tal-kawża prinċipali li huma ta' natura li jippermettulha tiddetermina jekk is-sanzjoni imposta hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità [82].

68. Kif ġie espost, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tfittex, għan leġittimu jekk dan ikun il-każ, li tissanzjona l-frodi fiskali, li ZK eżentat b'mod frawdolenti lill-kumpannija Delta Stroy li tagħha hija l-amministratriċi u r-rappreżentanta għall-istabbiliment u għall-ħlas tal-VAT, u b'hekk tat vantaġġ lil din il-kumpannija għall-ammont ta' BGN 11 388.98. Fir-rigward tal-modalitajiet ta' determinazzjoni tal-ammont tas-sanzjoni pekunjarja, din il-leġiżlazzjoni tipprevedi l-possibbiltà għall-qorti li timponi fuq il-kumpannija multa "tal-inqas ugwali għall-valur tal-vantaġġ, sa massimu ta' BGN 1 000 000". Għalhekk, id-dispożittiv jawtorizza penalitajiet ta' livelli differenti fi skala, b'piena ta' limitu massimu jew piena massima espressa b'rata fissa u piena ta' limitu minimu jew piena minima li tikkorrispondi għat-teħid mekkaniku tal-ammont tal-vantaġġ illegali, peress li l-qorti ddeċidiet li tikkundanna lill-persuna ġuridika akkużata li hija marbuta minn dawn il-kwantum. Minn dan, jista' jiġi kkunsidrat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni tħalli f'idejn il-qorti l-kompitu li taġġusta, bejn iż-żewġ limiti previsti, is-sanzjoni fid-dawl tal-gravità tal-ksur u tas-sitwazzjoni tal-awtur tiegħu.

69. Is-sempliċi eżistenza ta' piena minima hija, madankollu, tali li tiġġustifika l-konklużjoni ta' ksur tal-individwalizzazzjoni neċessarja tas-sanzjoni espressa mill-prinċipju ta' proporzjonalità? Ninnota li, fir-rigward ta' sanzjoni amministrattiva imposta f'każ ta' sopravalutazzjoni tal-ammont żejjed ta' VAT, ġiet stabbilita n-natura sproporzjonata ta' tali sanzjoni, sa fejn l-ammont minimu tagħha ma setax jitnaqqas skont iċ-ċirkustanzi speċifiċi ħafna tal-każ [83]. Fil-qasam tal-offerti illegali ta' logħob tal-ażżard permezz ta' magni tal-logħob, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-impożizzjoni ta' multa minima għal kull magna tal-logħob mhux awtorizzata ma tidhirx, fiha nnifisha, li hija sproporzjonata fid-dawl tal-gravità tar-reati inkwistjoni. Madankollu, hija żiedet li, fir-rigward tal-"ammont ta' din il-multa minima", hija l-qorti nazzjonali, sabiex tevalwa l-proporzjonalità tagħha, li għandha tieħu inkunsiderazzjoni r-relazzjoni bejn l-ammont tal-multa li tista' tiġi imposta u l-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta

81 Sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punti 97 sa 99).

82 Sentenza tal-15 ta' April 2021, Grupa Warzywna (C-935/19, EU:C:2021:287, punt 28).

83 Fis-sentenza tal-15 ta' April 2021, Grupa Warzywna (C-935/19, EU:C:2021:287, punt 37 u d-dispożittiv), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din is-sanzjoni tapplika bl-istess mod għal sitwazzjoni fejn l-irregolarità tirriżulta minn żball ta' evalwazzjoni mwettaq mill-partijiet fit-tranżazzjoni fir-rigward tan-natura taxxabbli ta' din tal-aħħar, li hija kkaratterizzata minn assenza ta' indizju ta' frodi u ta' telf ta' dħul għat-Teżor pubbliku, u għal sitwazzjoni li fiha tali ċirkustanzi partikolari huma nieqsa.

mill-ksur imwettaq, sabiex tiskoraġġixxi lil dawk li wettqu l-ksur milli jwettqu tali ksur, filwaqt li tiżgura ruħha, billi tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, li l-ammont minimu hekk impost ma huwiex sproporzjonat meta mqabbel ma' dan il-vantaġġ [84].

70. Jidhirli li huwa importanti li jiġi enfasizzat li dawn is-soluzzjonijiet u formulazzjonijiet huma manifestament meħuda miċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawżi kkonċernati, li huma distinti b'mod ċar minn din il-kawża dwar il-ksur tal-obbligi ta' dikjarazzjoni fil-qasam tal-VAT. Barra minn hekk, jista' jidher paradossali, sabiex ma jiġix iddikjarat kontradittorju, minn naħa, li tiġi aċċettata l-proporzjonalità ta' sistema ta' sanzjoni li tinkludi multa minima li, mid-definizzjoni tagħha, għandha l-effett li ġġiegħel lill-qorti fl-evalwazzjoni tagħha tal-ammont tal-multa u, min-naħa l-oħra, li titlobha tevadi fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ.

71. Fl-aħħar nett infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod ġenerali, indikat li r-rigorożità tas-sanzjonijiet għandha tkun proporzjonata mal-gravità tal-ksur li huma jissanzjonaw, b'mod partikolari billi jiżguraw effett realment dissważiv [85], li jimplika t-teħid inkunsiderazzjoni tal-vantaġġ ekonomiku li jirriżulta mill-aġir li jikkostitwixxi ksur [86]. F'dan il-kuntest u fid-dawl tal-importanza li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħti, għall-finijiet tat-twettiq tal-għan relatat mal-ġbir tal-VAT kollha, lill-ġlieda kontra r-reati fil-qasam tal-VAT [87], l-eżistenza ta' limitu minimu, għal dan it-tip ta' piena li tikkostitwixxi l-multa [88], li tikkorrispondi għall-vantaġġ ekonomiku illegali potenzjali jew effettiv, ma tidhirx li tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.

V. Konklużjoni

72. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li tingħata r-risposta li ġejja għad-domandi preliminari magħmula mill-Okrazhen sad – Burgas (il-Qorti Reġjonali ta' Burgas, il-Bulgarija):

1) L-Artikoli 47 sa 49 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, bil-għan li tiġġieled kontra l-frodi fiskali, tipprevedi preżunzjoni ta' imputazzjoni lil persuna ġuridika ta' ksur kriminali preżunt imwettaq f'isimha minn persuna fiżika li tista' tirreklutaha u sanzjoni pekunjarja f'dan ir-rigward ta' din il-persuna ġuridika, bla ħsara għad-dritt tagħha li tkun tista' taqleb dawn il-preżunzjonijiet fil-kuntest ta' azzjoni ġudizzjarja kontra d-deċiżjoni ta' sanzjoni u bil-kundizzjoni li l-modalitajiet konkreti sabiex jiġi eżerċitat dan l-appell ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti u r-rispett tad-drittijiet tad-difiża.

[84] Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2021, Landespolizeidirektion Steiermark (Magni tal-logħob) (C-231/20, EU:C:2021:845, punti 46 u 47).

[85] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2021, ECOTEX BULGARIA (C-544/19, EU:C:2021:803, punt 100), filwaqt li għandu jitfakkar li n-neċessità ta' miżuri dissważivi hija espressament prevista mill-Artikolu 325 TFUE.

[86] Fis-sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Agenzia delle dogane e dei monopoli u Ministero dell'Economia e delle Finanze (C-452/20, EU:C:2022:111), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma jidhirx li sistema ta' sanzjonijiet li, *sabiex il-persuni li jwettqu l-ksur jiġu mċaħħda mill-vantaġġi ekonomiċi* li jirriżultaw mill-ksur tal-projbizzjoni tal-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk lill-minorenni u li jiddiswaduhom milli jiksru din il-projbizzjoni, tipprevedi kumulu ta' sanzjonijiet, multa u sospensjoni ta' liċenzja għall-użu ta' kummerċ, li teċċedi l-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat l-għan li tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u li titnaqqas, b'mod partikolari, il-prevalenza tat-tipjip fost iż-żgħażagħ.

[87] Sentenza tal-20 ta' Marzu 2018, Menci (C-524/15, EU:C:2018:197, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[88] Is-sitwazzjoni tkun differenti għal pieni li jċaħħdu l-libertà.

2) L-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li, sabiex tirrispondi għal ksur tal-persuna taxxabbli għall-obbligi ta' dikjarazzjoni tagħha fil-qasam tal-VAT, tipprevedi sistema ta' sanzjonijiet li fil-kuntest tagħha tista' tiġi imposta multa li l-ammont minimu tagħha jikkorrispondi għall-vantaġġ ekonomiku illegali miksub jew li jista' jiġi impost, bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan tal-ġlieda kontra l-frodi fiskali u ma teċċedix dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.